MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 5/2003/1

Joseph u Stella konjugi Scicluna

-vs-

Carmelo Busuttil

Il- Bord,

Ra r- rikors ta’ Joseph u Stella konjugi Scicluna, bil-qima jghidu:-

Illi l- esponenti jikru lill- intimat ghalqa fl- inhawi msejjha Tal- Iskalpell limiti taz- Zejtun versu l- hlas ta’ hamsin centezmu (50c) pagabbli kull sena fil- 15 ta’ Awissu;

Illi l- intimat halla l- ghalqa msemmija ma tinhadimx ghal mill- inqas tnax (12) il- xahar konsekuttivi skond il-kalendarju u dan fit- termini ta’ dak li jiddisponi l- artikolu 4 (1) (d) tal- Kap. 199 tal- Ligijiet ta’ Malta, liema fatt jintitola lill- esponenti jiehdu lura l- pusses tar- raba sudetta;

Ghaldaqstant l- esponenti ghar- ragunijiet fuq imsemmija qeghdin bil- qima jitolbu lil dan l- Onorabbli Bord jawtorizzahom jirriprendu l- pussess tal- ghalqa li tinsab fl- inhawi Tal- Iskalpell limiti taz- Zejtun mikrija kif fuq inghad mill- esponenti lill- intimat u dan billi tipprefiggi zmien qasir u perentorju sabiex l- istess intimat jizgombra mill- imsemmija ghalqa.

Sema x- xhieda bil- gurament tar- rikorrent Joseph Scicluna.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Fil- kontumacja ta’ l- intimate jilqa’ t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzahom biex jiehdu f’ idejhom l- ghalqa fl- inhawi msejjha Tal- Iskalpell limiti taz- Zejtun; ghall- ghan ta’ tkeccija jaghti xahar (1) zmien m’ llum; l- ispejjez jithallsu mill- intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------